Il-boloh kwalunkwe u l-boloh ghal Kristu f'Malta llum

Ranier Fsadni

Xi punti mit-talb.

1. Il-verità tal-qaddis tisfida lis-soċjetà.

1.1 Mhux poter iżda qawwa; mhux dominju iżda forza.

Poter kif ġeneralment jiġi mifhum fil-politika, jikkostrinġi. Iżda jekk wieħed jara l-kelma kif użata fil-Liturġija, speċjalement it-Taljan, Franċiż u Ġermaniż, wieħed japprezza din il-qawwa t'Alla li mhux tikkonstrinġi iżda tiftaħ possibilitajiet.

1.2 Tip ta' predikazzjoni tal-Knisja – kif jista jkollok qafas li jkollu valur soċjologiku iżda mhux mibni fuq is-suq. Għal dan il-għan Ratzinger jirrakkomanda t-triq tal-qaddisin u t-triq tal-arti – l-unika toroq ghal min hu xettiku.

Il-poter generattiv li juri potenzjal uman - vizjoni ġenerattiva u riġenerattiva tal-bnedmin.

Qaddisin u arti: Simboli tat-trasfigurazzjoni – l-idea tal-poter nisrani li ghandu jkollna.

1.3 Il-boloh kwalunkwe huma dawk li jbatu **min-nuqqas** (l-aktar f'dak li huma l-virtujiet kardinali): neqsin mill-prudenza, mil-bon sens, mill-kuraġġ, mill-ġustizzja, mill-moderazzjoni. Il-Qaddisin ma sarux qaddisin għax kienu boloh f'dan is-sens.

Il-bluha li jitkellem fuqha San Pawl: boloh ghal Kristu fis-sens wiesgha huma dawk li "ibatu" **minn eċċess**: ghax ghandu wisq imhabba, wisq tama, wisq fidi...ghandhom xi ħaġa żejda ... mhux neqsin minn xi ħaġa.

2. Iż-żewġ mistoqsijiet importanti għall-Knisja f'Malta illum:

2.1. Mistoqsija interna:

f'kundizzjoni fejn in-numru ta' saċerdoti u reliġjużi għalissa qed jonqos...iridu jgħaddu responsabbiltajiet lil ħaddiehor.

X'inhuma t-tezori li jridu jgħaddu .... qabel tkun taf kif ser tippreservahom, qabel tiddixxerni kif ser tuzahom, trid l-ewwel tagħraf dak li qed tgħaddi.

San Lawrenz wera t-tezori tal-Knisja: deher li qed jgħaddi ż-żmien bl-imperu imma verament kien qed juri t-teżori għax wera d-dinjitá tal-bniedem

2.2. Mistoqsija esterna:

kif wieħed jista' jkun iblah għal Kristu fis-seklu 21. Bżonn ta' perċezzjoni preċiża tal-kurrenti preżenti. X'inhu l-kurrent li jmur favur il-vanġelu u liema jmur kontra?

F'kuntest soċjoloġiku ieħor. Waħda mill-isfidi meta l-iskola saret għal kulħadd sa 16 ... issa saret edukazzjoni tul il-ħajja. Ikompli jiżviluppa l-ħiliet.

Qabel il-bniedem kien jieqaf ma dak li jaf sa 16, illum mistieden juża dak li tgħallem sa 16 biex jibqa' jimmatura bih.

Fir-religjon qed jiġri bil-maqlub. Qabel l-edukazzjoni kienet kontinwa. Kellu okkażjonijiet fejn jimmatura fl-okkażjonijiet anke informali. Anke purċissjoni … qabel kien parteċipant illum, l-aktar l-aktar spettatur. Minħabba f'hekk, qegħdin f'sitwazzjoni fejn dak li ħafna nies mingħalihom jafu fuq religjon jafuh ta' tfal.

In-nies ser jiġu għandna u jsaqsu: jien għalfejn għandi nkun nisrani. Għax mhux sempliċiment nittratta lil kulħadd kif nistenna li jittrattaw lili (kif jgħidu r-reliġjonijiet kollha). Jekk se nsir nisrani se nsir iblah ... insegwi regoli li se jġibuni nidher bla kompassjoni. Se nidher li mhux flessibbli għaċ-ċirkustanzi tant kumplessi... tagħmilni iblah intellettwalment. Aħjar nibqa' liberu minn reliġjon u nagħżel mill-*buffet* spiritwali li hemm *available*.

Ir-risposta li joffri Ratzinger mhux viżjoni ta' kif tittratta lil ħaddieħor iżda **kif tittratta lilek innifsek**. Jekk ma tafx tittratta lilek innifsek mhux se tkun tista' tittratta sew lil ħaddieħor.

L-arti toħroġ minn aspett komunitarju. L-ewwel li nkiteb fil-Vanġeli huwa r-rakkont tal-passjoni. Ma tistax tkun qaddis waħdek...għax trid tkun għal ħaddieħor.

Kif se nkunu boloh għal Kristu?

X'tip ta' komunità hemm bżonn?

Kmandament bażiċi ... studji juri li miktuba verament fil-qalb tal-bniedem.

Virtujiet saru importanti fil-kultura preżenti wkoll – tintuża kelma oħra: *habits*.

Dak li jmur kontra l-kultura kontemporanja huwa l-qafas komunitarju. Qed tinqata' l-idea ta' umanità waħda ... li aħna aħwa. L-idea li hemm ġid komuni ... dak li hu ta' kulħadd inkluż l-ambjent. Kwalunkwe ħaġa li ma tistax tkejjilha bil-flus. Diffiċli tfissirha bil-kliem. Trid bil-fors timmonetizzaha.

Għażla ta' Benedittu mhix li ninqatgħu mis-soċjetà, komunità maqtugħa għaliha waħedha. Soluzzjoni aktar realistika hija li nirriflettu x'inhuma t-teżori u ma nikkalkulawhomx fuq livell monetarju.

Jista' jkun hemm skop kulturali: fejn nies jistgħu jiskopru xi tfisser tkun komunità, tgawdi l-arti li tittrasfigurak, arti li ma tkejjilhiex bis-suq.

L-iskejjel tal-Knisja isiru post fejn ikun hemm edukazzjoni ambjentali u esperimentazzjoni li t-tfal jistgħu igawdu; fejn il-ġenituri jistgħu jikbru fil-fidi.

Knejjes u l-parroċċi: għandhom jikkunsidraw l-ispazji tagħhom b'mod konvivjali li juru li huma ma jħaddmux il-kunċett li l-propjetà hija biss jew tal-istat jew tal-individwu.

Propju għaliex it-tagħlim tal-Knisja qed jinqata' mill-ħajja tal-komunità, li forsi hemm bżonn l-ewwelnett mhux katekeżi imma apoloġetika: għax wieħed irid juri għaliex hi raġjonevoli, x'inhu l-pedament tal-katekeżi, għax ħafna maqtugħin wisq.